

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/769**tal-25 ta' April 2017**

dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi, bl-eċċezzjoni tal-aspetti relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a) (v) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi tal-1996 ('il-Konvenzjoni HNS tal-1996') hija maħsuba biex tiżgura kumpens adegwat, immedjat u effettiv għall-persuni li jġarrbu dannu kkawżat mit-tixrid ta' sustanzi perikolużi u noċivi, meta jinġarru bil-baħar. Il-Konvenzjoni HNS tal-1996 imliet lakuna sinifikanti fir-regolamentazzjoni internazzjonali tar-responsabbiltà fil-kuntest tat-trasport marittimu.
- (2) Fl-2002, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/971/KE ⁽²⁾. Skont dik id-Deċiżjoni, l-Istati Membri kellhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jirratifikaw jew jaderixxu mal-Konvenzjoni HNS tal-1996, fi żmien perijodu raġonevoli u, jekk possibbli, qabel it-30 ta' Ġunju 2006. Erba' Stati Membri sussegwentement irratifikaw dik il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni HNS tal-1996 ma daħlitx fis-seħħ.
- (3) Il-Konvenzjoni HNS tal-1996 ġiet emendata mill-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni HNS tal-1996 (il-Protokoll tal-2010). Skont l-Artikolu 2 u l-Artikolu 18(1) tal-Protokoll tal-2010, il-Konvenzjoni HNS tal-1996 u l-Protokoll tal-2010 għandhom jinqraw, jiġu interpretati u applikati flimkien bħala strument waħdani, bejn il-Partijiet għall-Protokoll tal-2010.
- (4) Is-Segretarjat tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ('OMI') ħejja test li jikkonsolida l-Konvenzjoni HNS tal-1996 u l-Protokoll tal-2010 (il-Konvenzjoni HNS tal-2010) u dan ġie approvat mill-Kumitat Legali tal-OMI fit-98 laqgħa tiegħu. Il-Konvenzjoni HNS tal-2010 mhijiex strument miftuħ għall-iffirmar jew għar-ratifika. Il-Konvenzjoni HNS tal-2010 ser issir effettiva malli l-Protokoll tal-2010 jidħol fis-seħħ fl-Istati Membri.
- (5) Skont l-Artikolu 20(8) tal-Protokoll tal-2010, l-espressjoni ta' kunsens minn Stat sabiex jintrabat mill-Protokoll tal-2010 tannulla kwalunkwe espressjoni ta' kunsens li tkun saret qabel minn dak l-Istat biex jintrabat mill-Konvenzjoni HNS tal-1996. B'riżultat ta' dan, l-Istati li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni HNS tal-1996 ma jibqgħux Partijiet Kontraenti malli jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu mill-Protokoll tal-2010 skont l-Artikolu 20, u b'mod partikolari l-paragrafi (2), (3) u (4) tiegħu, ta' dak il-Protokoll.
- (6) Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ għandha l-għan li tipprevjeni u tirrimedja l-ħsara ambjentali kkawżata minn bosta attivitajiet ta' xogħol, inkluż it-trasport bil-baħar ta' oġġetti perikolużi. Hija, madankollu, ma tapplikax għal każijiet ta' korriment personali, għal dannu lil proprjetà privata u għal ebda telf ekonomiku u ma taffettwa ebda dritt ta' kumpens għal tali dannu. Il-materji koperti minn dik id-Direttiva u mill-Konvenzjoni HNS tal-2010 għaldaqstant jikkoinċidu parzjalment iżda mhux ħafna. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom għal aspetti tal-Konvenzjoni HNS tal-2010 li ma jaffettwawx regoli komuni.

⁽¹⁾ Kunsens mogħti fil-5 ta' April 2017 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/971/KE tat-18 ta' Novembru 2002 li tawtorizza lill-Istati Membri, fl-interess tal-Komunità, li jirratifikaw jew li jaderixxu mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ĥsara 1996 (il-Konvenzjoni HNS), (ĠU L 337, 13.12.2002, p. 55).

⁽³⁾ Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

- (7) Kif kien il-każ bil-predeċessur tagħha, il-Konvenzjoni HNS tal-2010 hija partikolarment importanti għall-interessi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, billi tippovdi għal ħarsien imtejjeb tal-vittmi ta' dannu konness mal-ġarr ta' HNS bil-baħar, ukoll fil-kuntest ta' ħsara ambjentali, f'konformità mal-Konvenzjoni tal-1982 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar.
- (8) Sabiex Stati jsiru Partijiet Kontraenti għall-Protokoll tal-2010, u b'hekk ukoll għall-Konvenzjoni HNS tal-2010, ikollhom iressqu quddiem is-Segretarju Ġenerali tal-OMI, flimkien mal-istrument ta' kunsens tagħhom, data rilevanti dwar il-kwantitajiet totali ta' tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni skont il-Konvenzjoni HNS tal-2010 (it-tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS) matul is-sena kalendarja ta' qabel, skont l-Artikolu 20(4) tagħha. Għal dak il-għan, l-Istati huma obbligati li jholqu sistema għar-rappurtar tat-tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS qabel ma jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu mill-Protokoll tal-2010.
- (9) Fil-100 laqgħa tiegħu fl-2013, il-Kumitat Legali tal-OMI ta l-appoġġ tiegħu għal-Linji Gwida dwar ir-rappurtar tat-tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS, li ġew żviluppati biex jiffaċilitaw l-adozzjoni minn Stati ratifikanti ta' leġislazzjoni dwar ir-rappurtar qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll tal-2010 u biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni globali, uniformi u effettiva tar-rekwiżiti rilevanti tal-Konvenzjoni HNS tal-2010.
- (10) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil xulxin u lill-Kunsill u l-Kummissjoni b'mod adegwat dwar is-sistemi tagħhom għar-rappurtar tat-tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS. Dik l-informazzjoni tista' ssir disponibbli b'mod informali permezz ta' mezzi eżistenti, bħall-korpi preparatorji tal-Kunsill.
- (11) L-iskambju tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri dwar il-bini tas-sistema għar-rappurtar tat-tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS jista' jiffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' tali sistema ta' rappurtar.
- (12) Kif kien il-każ bil-Konvenzjoni HNS tal-1996, fin-nuqqas ta' klawżola dwar organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika ('REIO'), Stati sovrani biss jistgħu jkunu Partijiet għall-Protokoll tal-2010. Għaldaqstant, mhuwiex possibbli li l-Unjoni tirratifika, jew taderixxi ma', il-Protokoll tal-2010, u b'hekk taderixxi mal-Konvenzjoni HNS tal-2010.
- (13) Ir-ratifika tal-Protokoll tal-2010 mill-Istati Membri kollha fi skeda ta' żmien fissa għandha tiżgura kondizzjonijiet indaqs fl-Unjoni għall-atturi kollha kkonċernati mill-applikazzjoni tal-Konvenzjoni HNS tal-2010.
- (14) Filwaqt li titqies in-natura internazzjonali tar-reġim HNS, il-mira għandha tkun li jkun hemm kondizzjonijiet indaqs globali għall-atturi kollha kkonċernati mill-applikazzjoni tal-Konvenzjoni HNS tal-2010. Għal dik ir-raġuni, jeħtieġ li l-Protokoll tal-2010 jkollu kopertura globali.
- (15) Jeħtieġ li l-Istati Membri, għaldaqstant, ikunu awtorizzati li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', skont il-każ, il-Protokoll tal-2010 għall-partijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-aspetti relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni HNS tal-2010 li jaqgħu fil-kompetenza mogħtija lill-Unjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ser ikunu soġġetti għal Deċiżjoni adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati, għall-partijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', skont il-każ, il-Protokoll tal-2010 fl-interess tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-aspetti relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika ta', jew ta' adeżjoni ma', il-Protokoll tal-2010 fi żmien raġonevoli u, jekk ikun possibbli, sas-6 ta' Mejju 2021..

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil xulxin u lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'mod adegwat meta s-sistema għar-rappurtar tat-tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS tibda taħdem.
3. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiskambjaw l-aħjar prattiki, partikolarment dwar is-sistema għar-rappurtar ta' tagħbija soġġetta għal kontribuzzjoni HNS skont il-Protokoll tal-2010.

Artikolu 3

Meta jirratifikaw, jew jaderixxu ma', il-Protokoll tal-2010, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali bil-miktub li tali ratifika jew adeżjoni saret skont din id-Deċiżjoni u skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/770 ⁽¹⁾.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' April 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
I. BORG

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/770 tal-25 ta' April 2017 dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu Kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi, fir-rigward tal-aspetti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili (ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).